2025/374

4.3.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/374

## tat-18 ta' Frar 2025

## li taħtar membru, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/853 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Netherlandiż,

Wara li kkonsulta lill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(2) tat-Trattat, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jikkonsisti minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, tal-impjegati, u ta' partijiet oħra li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fl-oqsma soċjoekonomiċi, ċiviċi, professjonali u kulturali.

(2) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1392 ([2]) li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 adottata fit-18 ta' Settembru 2020.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Lottie VAN KELLE, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

(4) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sa Margo MOLKENBOER, *Beleidsadviseur Europa en Internationaal bij CNV (Christelijk Nationaal Vakverbond)* (Konsulent Politiku dwar l-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali fis-CNV (Federazzjoni Nazzjonali tat-Trade Unions Insara)), bħala membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Margo MOLKENBOER, *Beleidsadviseur Europa en Internationaal bij CNV (Christelijk Nationaal Vakverbond)* (Konsulent Politiku dwar l-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali fis-CNV (Federazzjoni Nazzjonali tat-Trade Unions Insara)), hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. DOMAŃSKI

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/853/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1392 tat-2 ta' Ottubru 2020 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 adottata fit-18 ta' Settembru 2020 (ĠU L 322, 5.10.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/1392/oj).